# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 9 ta' Jannar 2002

Citazzjoni numru 566/2000 AJM

Kawza numru 5

Milano Due Limited

Vs

Oswald Arrigo Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-27 ta' Marzu 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont ta' elfejn tlett mija disgha u sittin lira maltija (LM2369) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi moghtija mis-socjeta' attrici fuq ordni u struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, f'diversi okkazzjonijiet, inkluz il-prezz ta' akkomodazzjoni gewwa l-lukanda Milano Due skond statement anness; illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; illi l-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu w esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma

kif jidher mill-affidavit tal-Avukat Dottor George Cassar anness; talbet li din il-Qorti:-

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 u
2. tikkundanna minnufih lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM2369 fuq imsemmija dovuta kif fuq intqal.

Bl-imghax mill-20 ta' Lulju 1999 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Lulju 1999 kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha huma ngunti minn isssa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Mejju 2000 meta l-konvenut inghata l-fakolta li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fl-24 ta' Mejju 2000 li permezz taghha eccepiet li hija mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici stante:

1. illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici mhux dovut minnha izda huwa dovut minn tour operators russi,
2. illi s-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma kkuntrattat mas-socjeta' attrici fil-kwalita' taghha proprio.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mil-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u d-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'dawn il-proceduri s-socjeta' attrici, bhala operatur tal-lukanda Milano Due fix-Xatt tal-Gzira, qeghedha titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallasha ammont rappresentanti "bilanc" ta' prezz ta' servizzi u akkomodazzjoni provduti lill-turisti li, skond is-socjeta' attrici, ordnati mis-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta qedha ssostni li hija qatt ma kkuntrattat mas-socjeta' attrici u jekk hemm xi ammont dovut dan ghandu jithallas minn Tour Operator russu li kien jibghat dawn it-turisti ta' nazzjonalita russa. Konsegwentement, qed issostni s-socjeta' konvenuta, hija mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Ma hemmx dubbju li s-socjeta' attrici pprovdiet is-servizzi minnha reklamati. Lanqas ma hemm dubbju li s-socjeta' konvenuta kellha partecipazzjoni diretta f'dan in-negozju li wassal ghal kwistjoni odjerna. Il-kwistjoni kollha pero tirrivolvi dwar jekk l-intromissjoni tas-socjeta' konvenuta kienx fil-kapacita' ta' Tour Operator, fliema kaz s-socjeta'

konvenuta kienet tkun responsabbli ghall-kontijiet relattivi; jew jekk kienet qedha tagixxi bhala agent tat-Tour Operator russu.

L-azzjoni attrici hija bazata fuq il-kuntratt tad-29 ta' Settembru 1997 (fol 26 tal-process) bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta li fl-imsemmi kuntratt hija indikata bhala "Tour Operator". Dan il-kuntratt jikkontempla "allocation" ta' ghaxar ti kmamar fil-lukanda Milano Due bejn l-1 ta' April 1998 u 31 ta' Ottubru 1998. Is-socjeta' attrici qed issostni li s-socjeta' konvenuta b'dan il-kuntratt assumiet l-obbligu fil-konfront taghha biex taghmel tajjeb ghall-servizzi u akkomodazzjoni provduti. Is-socjeta' konvenut qed isostni l-kuntrarju u r-rappresentant tal-istess socjeta' George Arrigo semma zewg ragunijiet principali ilghala dan il-kuntratt ma ghandux jittiehed bhala bazi ta' responsabbilita' versu s-socjeta' attrici. Fl-ewwel lok dan xhed li huwa qatt ma iffirma l-kuntratt bhala parti izda bhala xhud tal-identita'. Din r-raguni ma tantx taghmel sens billi mill-korp tal-kuntratt jidher car li s-socjeta' Oswald Arrigo Ltd kienet espressament parti fil-kuntratt. Fit-tieni lokl-istess xhud jghid li l-kuntratt in kwistjoni mhux relatat man-negozju tat-turisti Russi billi ghal dawn kien hemm ftehim "ad hoc" li ma kienx jikkontempla "allocations" u li jistabilixxi rati kompletament differenti ghal dan is-suq. Dan l-ftehim insibuh a fol 47 tal-process.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kwistjoni kollha u hija tal-fehma li sabiex wiehed jasal ghal konkluzzjoni gusta trid issir rassenja ta' dak kollu li gara bejn il-kontendenti fuq firxa ta' snin.

1. L-ewwel avvicinament li kien hemm bejn il-kontendenti jmur lura ghall-Marzu 1996. Fl-1 ta' Marzu s-socjeta' konvenuta baghtet Fax lis-socjeta' attrici – "attention Mr. Joe Abdilla"; fejn infurmata li

"One of our **tour operators** (enfazi tal-Qorti) will be visiting Malta to negotiate direct contracting with hotels for 1996/97." (Dok GA1 fol 101). F'dik l-okkazzjoni talbet lis-socjeta' konvenuta appuntament. Is-socjeta' attrici rrispondiet dak inhar stess u ssugerit data ghal appuntament. Ix-xhud George Arrigo xhed, u f'dan mhux kontestat, li t-tour operator li kellu jigi kien mir-Russia.

2. Fl-24 ta' Gunju 1997 (dok JA1 fol 74) s-socjeta' konvenuta kitbet lis-socjeta' attrici u talbitha nformazzjoni dwar "*your lowest tour operator rates, effective 1st November 1997 until 31st October 1998.*" Din l-informazzjoni kienet rikjesta in konnessjoni ma diversi swieq turistici fosthom "*Eastern countries and Russia*" Is-socjeta' konvenuta ukoll insistit li r-rati tas-socjeta' attrici jkunu jinkludu "*our 5% t.a. commission*". Inoltre filwaqt li ssemmew l-'allotment requirements' s-socjeta' attrici giet infurmata li "*Some contracts might be done in the name of the tour operators, and will advise you accordingly.*"

3. Fid-29 ta' Settembru 1997 (Dok A fol 26) gie iffirmat il-kuntratt fuq imsemmi li fuqu s-socjeta' attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha. Dan il-kuntratt li jindika lis-socjeta' konvenuta bhala Tour Operator, jispecifika r-rati ghall-akkomodazzjoni ghall-diversi perjodi bejn l-1 ta' April 1998 u t-30 ta' Settembru 1998, pero', filwaqt li jitkellem dwar "allocation of rooms" ma jindika ebda nazzjonalita' ta' turist li kellu jibbenefika minn dan l-arrangament. Il-kuntratt jghid li "*Invoices to be addressed to Oswald Arrigo Ltd.*" B'dana kollu l-istess kuntratt jitkellem dwar l-obbligi tat-Tour Operator izda jissemma ukoll "his Malta representative". Finalment fil-klwsola numru 11 tal-kuntratt terga tissemma l-"5% t.a. commission" li kienet dehret l-ewwel darba fl-ittra tas-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici tal-24 ta' Gunju 1997.

4. Fit-3 ta' Ottubru 1997 il-Managing Director tas-socjeta' konvenuta ittrasmetta via FAX lis-socjeta' konvenuta r-rati "specjali" ghas-suq Russu ghall-perjodu bejn 1 ta' Novembru 1997 u l-31 ta'Ottubru 1998. Fl-istess ittra jinghad ukoll is-segwenti: "We can work on request basis with these rates, subject to availability, with a release period of ten days, except at Christmas and New Year when we require a release of 21 days."

5. Mir-"reservation vouchers" li gew ezebiti a fol 15 sa 23 tal-process, jidher li l-'operator' indikat kien jkun jew Paradise Travel jew Aquarit, it-tnejn tar-Russia. Din il-voucher li tidher accettat mis-socjeta' attrici bit-timbru taghha, tispecifika ukoll kif gej: "*Please provide services as indicated above. Responsibility of payment for the above services rests with the Tour Operator mentioned and not with Oswald Arrigo Ltd.*"

6. Il-vouchers presentati mis-socjeta' attrici (fol 29 sa 39) ukoll huma intestati Paradise Travel jew Aquarit u s-socjeta' konvenuta tiffigura biss bhala "Agent in Malta".

7. Fit-30 ta' Dicembru 1998 s-socjeta' attrici kitbet lis-socjeta' konvenuta u filwaqt li rringrazzjata "*for your support throughout 1998*" il-General Manager tas-socjeta' attrici kompla hekk: "*Much to our regret, throughout this year we have had bitter experiences of* ***foreign principals*** *(enfazi tal-Qorti) facing financial difficulties, and* ***who*** *(enfazi tal-Qorti) were not able to settle their bills pertaining to their clients who stayed at our hotel. Although in all cases, we were informed of this unfortunate situation, none of the* ***local agents*** *(enfazi tal-Qorti) took the outright responsibility to settle their bills on their behalf.*" Fl-istess ittra Joseph Abdilla (General Manager tas-socjeta' attrici) informa lis-socjeta' konvenuta li in vista tal-introduzzjoni tal-VAT kien gie deciz

'unilateralment' mis-socjeta' attrici "*to withold the present overriding commission agreement.*"

8. Fit-8 ta' Frar 1999 (fol 46) is-socjeta' konvenuta kitbet lis-socjeta' attrici u infurmata li "*we have been advised by the above Russian Tour Operators (Paradise Travel/Aquarit Travel), that in view to economic problems in Russia, they have found themselves in a difficult cash flow position.* U filwaqt li infurmawhom li kemm-il darba kienu, bla pregudizzju, bghatu l-kontijiet pendenti pero' b'ezitu negattiv, tawhom il-"contact addresses" fejn is-socjeta' attrici setghet tikteb.
9. Fl-20 ta' Lulju 1999 s-socjeta' attrici ppresentat ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta ghal hlas tal-bilanc dovut.

Mil fuq espost din il-Qorti hija tal-fehma li tul in-negozjati kollha bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta dejjem kien konxja li s-socjeta' konvenuta kienet qedha tagixxi mhux bhala "Tour operator" per se izda pjuttost bhala agent ta' "tour opertor" barrani. Dan jidher mill-korrispondenza kollha li ghaddiet bejn il-kontendenti u kien biss fl-ahhar meta t-Tour Operator Russu naqas milli jonora l-pagament li s-socjeta' attrici dahret fuq Oswald Arrigo Ltd. Ghalhekk il-kuntratt tal-29 ta' Settembru 1997 fil-kuntest tal-ittra tas-socjeta' konvenuta tal-24 ta' Gunju 1997 u l-FAX tas-socjeta' attrici tat-3 ta' Ottubru 1997, jista' biss jigi interpretat bhala arrangament mal-agent lokali ghall-"allocation of rooms" fil-Hotel li kienu ser jintmelew minn Tour Operators barranin tramite l-intervent tas-socjeta' konvenuta. Dan jidher aktar ovvju mil-fatt li fuq l-istess kuntratt tad-29 ta' Settembru 1997 s-socjeta' attrici rrizervat favur is-socjeta' konvenut kummissjoni ta' 5% ghat-"travel agent".

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tiddikjara l-istess konvenut bhala mhux il-legittimu kontradittur u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjes kollha kontra l-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri